MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2005

Numru 819/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**V**

**SEBASTIAN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SEBASTIAN FARRUGIA** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Angelo u Rita nee Apap, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Dicembru 1975 u residenti 12, Qasam Industrijali Fuq il-Blat, Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 40476M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-hamsa ta' Ottubru 2003, ghall-habta tat-tlieta w ghaxra ta' filghodu waqt li kien Hal Qormi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq mill-fond Qormi Bocci Club, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan d-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta

tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin u bil-hin ghad-detriment ta' Carmel Camilleri;

2. Talli fil-lejl ta' bejn l-erbgha w il-hamsa ta' Ottubru 2003 f'xi hin matul l-lejl fi Triq Manuel Dimech, Hal Qormi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom *portable compact disc player* li l-valur taghom jiskorri l-hamsin lira maltin minn go vettura tal-ghamla Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni GAO 218, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruq u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Gerald Borg;

3. Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] nhar t-tmienja ta' April 2003.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Lulju 2004 [fol 94] sabiex din l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-hdax ta' Ottubru 2004 [fol 98].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Miriam Hayman esibita fl-atti markata bhala dokument MM 2 [fol 24 et seq].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Marzu 2005 [fol 127] u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta'

dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar t-tlettax ta' Ottubru 2003 xehed l-Ispettur Michael Mallia** [fol 12] fejn qal li fil-hamsa ta' Ottubru 2003 ghal habta tat-tlieta w ghaxra ta' filghodu il-control room tal-Pulizija kienu gew infurmati li kienet qed issir serqa mill-Qormi Bocci Club sitwat fi Triq il-Wied, Hal Qormi. Il-persuni li kienu ghamlu dan r-rapport kienu anonimi u kienu rappurtaw li kienu osservaw persuna tipprova tisgassa tieqa tal-gemb li taghti ghal bar tal-imsemmi klabb. Il-Pulizija marru mill-ewwel fuq il-post fejn giet osservata persuna li kienet qeghdha b'lieva f'idha tipprova tisgassa t-tieqa tal-metall li kienet man-naha tal-gemb tal-bar. Fil-fatt c-caccis tal-istess tieqa kien diga gie maqlugh 'l barra mill-post. Ix-xhud kompla jghid li kien gie osservat li man-naha ta' wara tal-fond kien hemm triq dejqa u kien hemm zewg knaten fl-art li kienu jidhru li kienu maqlughin minn hajt li jaghti ghall-istess klabb. Fuq il-post kien hemm vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru ta' registrazzjoni EBF 653 u meta giet iccekkjata rrizulta li kienet tghajjat lil certu Anglu Farrugia ghalkemm fuq il-post kien hemm l-imputat Sebastian Farrugia li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla. Fil-fatt l-vettura li nstabet fuq il-post kienet tghajjat lil missier l-imputat stess u cioe lil Anglu Farrugia.

Ix-xhud kompla jixhed li fuq il-post stess kienet saret tfittixja fuq l-imputat u kienu gew elevati minn fuqu siringa, container zghir li kien fih xi trab abjad li kien jixbah lis-citric acid, xi zewg lighters tas-sigaretti, mus kif wkoll kellu card tal-RMF break down service li kienet iggib l-isem ta' Mario

Borg u n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tal-ghamla Hyundai Atos, kien GAO 218. Fil-fatt kienet saret tfittxija wkoll fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBF 653 li hija l-vettura suspettata li ntuzat mill-imputat u f'din il-vettura nstab tornavit u pouch iswed li kien fih CD player discman u disgha CD's.

Qal li l-imputat ittiehed l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien gie nterrogat u l-istess imputat kien ammetta verbalment li kien fuq il-post peress li kien qed jipprova jiftah l-post biex jisraq minnu. Fil-fatt fuqu kein jidher wkoll xi demm minn idejh kif wkoll xi trab fuq hwejjgu. Minn aktar stharrig rrizulta li d-discman imsemmi aktar qabel kif wkoll s-CD's li nstabu ghand l-imputat kienu gejjin minn serqu li saret fi Triq Manuel Dimech f'Hal Qormi stess fejn kien inqabad l-istess imputat. Kien irrizulta wkoll li l-oggetti misruqa kienu naqsu minn vettura tal-ghamla Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni GAO 218.

Ix-xhud zied jghid li meta l-imputat gie mistoqsi dwar dan kollu ghalkemm qabel verbalment kien ammetta li kien hdejn il-Bocci Club biex jipprova jisraq, wara kien ghazel li ma jwegbix ghal ebda domanda u ma tkellem xejn. Qal li kienet ittehditlu stqarrija fejn l-imputat kien ghazel li jirrispondi biss ghal domandi li ma kienux jinkriminawh u meta staqsih ghaliex qabel kien ammetta kollu u f'dak l-istadju ma riedx jirrispondi, l-istess imputat ghazel li ma jwegibx tali domanda lanqas. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija li l-imputat rrilaxxja wara li kien inghata s-solita twissija, li giet mmarkata bhala dokument MM 1 [fol 16], liema stqarrija ix-xhud gharaf fuqha l-firma tieghu u ta' PC 1337 Kevin Curmi. Qal li l-imputat kien ghazel wkoll li ma jiffirmax tali stqarrija. Qal li l-imputat kien inghata s-solita twissija anke qabel m'ghamel l-ammissjoni tieghu verbalment.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 xehed PS 239 Joseph Caruana** [fol 27] fejn ippresenta sett ta' sebgha ritratti dwar attentat t'allegat serq mill-fond Bocci Club, f'Hal Qormi li gew mmarkati bhala dokument MM 3 [fol 29] wara li kien gie mitlub jaghmel dan mill-Ispettur Michael Mallia.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 xehed PC 514 Charles Aquilina** [fol 30] fejn qal li fil-hamsa ta' Ottubru ghal habta tat-tlieta ta' filghodu kienu rcivew telefonata l-control room li kien hemm persuna qed tipprova tisgassa l-fond Qormi Bocci Club li jinsab fi Triq il-Wied. Qal li ghalhekk marru fuq il-post hu, PC 82 Carmel Dingli u PC 532 Mark Farrugia u kif waslu lemhu lil imputat li gharaf presenti fl-awla u marru fuqu. Qal li dan kien mat-tieqa li kienet diga elevata u kien hemm kantun imkisser u cacciz maqlugh. Qal li f'idejn l-imputat kien hemm crow bar u appena waslu hdejh talbuhulu u hu tahulhom u tpogga fil-karozza u l-imputat gie akkumpanjat l-Ghassa. Qal li fuq il-post t-tieqa kienet elevata bic-cacciz b'kollox. Qal li fuq n-naha l-ohra tal-klabb tal-kazin in kwistjoni gie nnutat li kien hemm tieqa kbira li parti minnha kienet giet elevata pero peress li wara din t-tieqa kien hemm xi bars tal-hadid, ma kienx sar dhul. Qal li anke wara din t-tieni tieqa fejn sabu lil imputat indendel maghha kien hemm tieqa ohra warajha, liema tieqa ma kienetx sgassata. Qal li meta haduh l-Ghassa ghamlu search fuqu u fuq il-persuna tieghu nstabu siringa, stocc zghir tal-metall, citric acid, zewg litghters tas-sigaretti w ic-cwievet tal-karozza. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qallu li l-karozza ma kienetx tieghu izda ta' missieru u li kienet hdejn d-dar. Qal li meta waslu fuq il-post l-karozza ma kienetx tidher hemmhekk. Qal li meta l-imputat rahom, dar dahru lejhom peress li kellu xi haga x'jahbi u meta mar fuqu nduna li kellu crow bar u minnufih hadielu minn idejh. Qal li ma gemb t-tieqa kien kollu trab wkoll.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 xehed Gerald Borg** [fol 32] fejn qal li nhar l-hamsa ta' Ottubru 2003 hu kien ghamel rapport l-Ghassa ta' Hal Qormi li kien sab l-*quarter window* tal-karozza tieghu tal-ghamla Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni GAO 218 miksura. Qal li minn din il-vettura li kienet ipparkjata fi Triq Manuel Dimech Hal Qormi, sab nieqes CD player, pouch bis-CD's u wire jack to jack. Ix-xhud esibixxa ricevuta tal-hsarat li sofra fit-tieqa miksura li giet mmarkata bhala dokument MM 4 [fol 34] u dan fl-ammont ta' dsatax il-lira u sittax il-centezmu.

Ix-xhud qal li l-istereo kien ilu ghandu zmien u fil-fatt kien discman tal-marka Sony.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 xehed Carmelo Camilleri** [fol 35] fejn qal li hu bennej u bhala Presidenti jiehu hsieb l-klabb tal-Bocci ta' Hal Qormi li jinsab fil-wied. Qal li nhar l-hamsa ta' Ottubru 2003 kien gie nfurmat mill-Pulizija li xi hadd kien ipprova jidhol fil-kazin in kwistjoni u ghalhekk mar fuq il-post u hemm sab tieqa tal-istess fond sgassata. Qal li kien hemm xi bennejja li qalulu li xi nies ippruvaw jisirqu tant li sab tieqa tal-kcina mbexxqa. Ix-xhud qal li dawk l-bennejja qalulu wkoll li kien sar attentat ta' dhul minn parti ohra tal-fond u fil-fatt meta mar biex jara sab xi knaten maqlughin minn mal-hajt. Qal li apparti l-hajt tal-klabb hemm wkoll hajt tal-bini u ghalhekk qisu hemm zewg hitan fuq xulxin. Qal li t-tieqa tal-injam ma ntmessitx pero dik tal-hadid kienet mimsusa. Qal li x-xoghol fuq is-sit in kwistjoni qed jaghmlu hu. Qal li fil-klabb hemm toaster, microwave, cash register u television.

Illi **nhar s-sittax ta' Ottubru 2003 xehdet Carmen Borg** [fol 37] fejn qalet li hija kienet giet mitluba thejji pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat li gharfet presenti fl-awla, liema rapport hija kienet ppresentat quddiem il-Magistrat Dottor Miriam Hayman fil-bidu ta' Ottubru 2002. Qalet li minn dan r-rapport hareg li l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' droga u sussegwentement a bazi tar-rapport taghha, l-imputat kien inghata sentenza sospiza wara li kien nstab hati ta' serq, snatch and grab. Qalet li hi dakinhar stess tkellmet mal-imputat l-habs. Qalet li l-imputat kellu bzonn kemm struttura w ghajnuna minhabba l-problema tad-droga li kellu. Qalet li dan kien ghaddej minn problemi familjari peress li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma martu u fil-fatt dak setgha kkontribwixxa ghas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. Qal li l-imputat kien lest li jaghmel programm u jekk l-agenzija jaccettawh dan jaghmlu minn barra. Qalet li kemm dam l-habs lil imputat kienet marret tarah wahda Brigette li kienet segwitu wkoll minn barra qabel. Qalet li jekk il-programm jaghmlu minn gewwa ikun taht struttura waqt li jekk jaghmlu minn barra,

ma jkunx taht struttura. Qalet li l-assessment ma kienx jiddependi minnha.

Illi **nhar s-sittax ta' Dicembru 2003 xehed PC 532 Mark Farrugia** [fol 47] fejn qal li fil-hamsa ta' Ottubru 2003 kienu rcivew telefonata anonima ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, li fi Triq San Gorg fejn hemm l-Bocci Club kien hemm persuna li ppruvat tisgassa twieqi tal-istess klabb u ghalhekk mar fuq il-post hu, PC 82 Carmel Dingli u PC 514 Charles Aquilina. Qal li meta waslu fuq il-post sabu lil imputat li gharaf presenti fl-awla, bi crowbar f'idejh u hu baqa ccassat lejhom. Qal li PC 82 Carmel Dingli u PC 514 Charles Aquilina marru fuqu u sa dak t-tant hu dar il-post bil-pass u sab tieqa li kellha marki ta' levaturi u fil-vicinanzi kien hemm tieqa ohra llevata. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 49]. Qal li fuq il-persuna tieghu sabu xi flus, siringa, citric acid, zewg lighters w cavetta tal-karozza.

Illi **nhar s-sittax ta' Dicembru 2003 xehed PC 1111 Joseph Seguna** [fol 51] fejn qal li fil-hamsa ta' Ottubru 2003 hu kien detailed mis-sebgha ta' filghodu sat-tlieta ta' warta nofsinhar waqt li kien qed jigi nvestigat l-imputat li gharaf presenti fl-awl. Qal li dakinhar kien baghtu l-Ispettur sabiex jtella lil imputat mill-lock up ghal habta tad-disgha ta' filghodu u waqt li kienu telghin bil-lift, l-imputat beda jilmenta li kellu ugigh f'idu u fil-fatt kellu d-dmija fuq idejh. Qal li meta staqsih biex kien garrab dik d-dmija l-imputat kien wiegbu li kien ghamilhom ma tieqa. Qal li meta staqsih x'fettillu jmur jisraq, l-imputat kien wiegbu li ma kienx jaf. Qal li din r-risposta tal-imputat giet moghtija lilu b'mod spontanju fuq domanda li kien ghamillu hu stess.

Illi **nhar s-sittax ta' Dicembru 2003 xehed PC 1147 Antoine Fenech** [fol 53] fejn qal li wara li huwa kien gie mitlub jigbed numru ta' ritratti bhala police investigation ta' vettura numru ta' registrazzjoni EBF 653 tal-ghamla Kia, huwa kien f'posizzjoni li jesibixxi r-ritratti mehuda minnu konsistenti fi tnejn w ghoxrin ritratt li gew mmarkati bhala dokument SOCO [fol 55].

Illi **nhar s-sittax ta' Dicembru 2003 xehed PC 1337 Kevin Curmi** [fol 56] u esibixxa crowbar li kienet giet elevata minn fuq il-post mill-Pulizija tad-distrett li giet markata bhala dokument X kif wkoll tornavit li gie mmarkat bhala dokument Y. Qal li ma kienx hu li sabha dik l-crowbar u li kien gabha mill-ufficju tas-CID tal-Ispettur Mallia. Qal li meta kien dahal xoghol dakinhar tal-hamsa ta' Ottubru 2003, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, kien gie moghti struzzjonijiet minghand l-Ispettur Mallia sabiex imur fil-Wied ta' Hal Qormi fejn kellu jsib karozza pparkjata fejn il-klabb tal-bocci u kellu jistenna lil tal-forensika biex din il-vettura tigi fotografata. Qal li wara nizlu flimkien mal-imputat, hadu l-karozza lejn s-CID u hemmhekk saret tfittxija minn PC 1201 fil-vettura u gew elevati tornavit u CD player tal-marka Sony li kien go pocket flimkien ma disgha CD's.

Qal li aktar tard filghaxija fl-ufficju hu kien ghamel computer search biex jipprova jirrintraccja s-CD player w irrizultalu li l-imsemmi CD player kien issemma f'serqa li kienet sehhet bejn il-lejl ta' bejn l-erbgha w l-hamsa ta' Ottubru minn Hal Qormi stess. Qal li fil-wallet ta' l-imputat sabu card tal-RMF li kienet iggib l-isem u partikolaritajiet tal-persuna li kienet ghamlet r-rapport tas-serqa. Meta x-xhud gie muri d-dokument Z li huma erbgha ritratti, x-xhud kkonferma li dawk kienu ritratti tas-CD player u CD's li kienu f'pouch iswed li kienu sabu fil-vettura dakinhar tas-search. Qal li dawk huma ritratt tal-oggetti li semma waqt d-deposizzjoni tieghu.

Illi **nhar d-disgha ta' Frar 2004 xehed Brian Farrugia** [fol 70] fejn ghan nom w in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji huwa gie mitlub jaghmel ricerka dwar vettura tal-ghamla Kia Clarus bin-numru ta' registrazzjoni EBF 265 ta' kulur beige. Qal li din tghajjat lil certu Anglu Farrugia detentur tal-karta tal-identita numru 930150M w ilha tghajjat hekk lilu mid-dsatax ta' Awissu 2003.

Illi **nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 xehed PC 82 Carmel Dingli** [fol 82] fejn qal li nhar il-hamsa ta' Ottubru 2003, ghall-habta tat-tlieta w kwart ta' filghodu hu kien night watch u kienu rcievew telefonata mid-Depot li xi

hadd kien ipprova jisgassa tieqa tal-klabb tal-Bocci ta' Hal Qormi u ghalhekk kien mar fuq il-post flimkien ma PC 532 Mark Farrugia u PC 514 Charles Aquilina fejn sabu lil imputat li gharfu presenti fl-awla. Qal li dan kien ipprova jisgassa tieqa u kellu crow bar f'idejh u ghalhekk haduh l-Ghassa bil-karozza taghhom. Qal li staqsewh jekk kellux karozza u kien qalilhom li ma kellux u minn tfittxija fuq il-persuna tieghu li saret sabu mus, citric acid, siringa u cavetta tal-karozza.

Illi **nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 xehed PC 998 David Sean Caruana** [fol 84] fejn qal li fil-hamsa ta' Ottubru 2003, kien mar certu Gerald Borg jirrapporta li kien ipparkja l-vettura tieghu tal-ghamla Hyundai Atos bin-numru ta' registrazzjoni GAO 218 fi Triq Manuel Dimech f'Hal Qormi u kien sab il-quarter window taghha miksura. Fir-rapport gie allegat wkoll li portable compact disc player kien nieqes. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza li hu ha li giet mmarkata bhala dokument SF. Gie allegat li fil-vettura ta' Gerald Borg kienet nstabet torch li ma kienetx tieghu, liema torch giet esibita bhala dokument SF 1 [fol 86]. Qal li fuq il-post kien hemm PC 1184 Patrick Grech li ha l-fingerprints relattivi ghas-serqa, pero dawn ma taw ebda rizultat.

Illi **nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004 xehed l-Ispettur Anglu Caruana** [fol 89] fejn ikkonferma li l-imputat odjern huwa l-istess imputat imsemmi fis-sentenza moghtija nhar it-tnax ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v Sebastian Farrugia markata bhala dokument MM 2 a fol 24, fejn hu kien l-Ufficjal Prosekutur f'dak il-kaz.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 xehdet Rita Farrugia** [fol 101] fejn qalet li hi tigi omm l-imputat li kien ilu jghix maghha sa minn April 2003. Qal li l-imputat kien ilu mizzewweg hames snin qabel ma mar jghix maghha u li l-imputat huwa l-uniku tifel li ghandha. Qalet li l-imputat kien ilu separat minn martu sa minn Settembru 2003. Qalet li binha kien ilu jahdem l-Freeport erbgha snin u kien jghin lil missieru bhala burdnar u jmur ma missieru kull darba li missieru imur ghax-xoghol. Qalet li l-imputat ghandu tifel ta' erbgha snin u jarah regolarment. Qalet li binha l-imputat ghandu problema t'abbuz ta' droga li

kienet ilha fuqu ghal dawk l-ahhar erbgha snin zgur. Qalet li binha l-imputat kien jghix hajja normali, kien imur ghax-xoghol regolarment izda wara li ssepara minn ma martu qisu sfratta.  Qalet li l-problema li binha kellu t'abbuz ta' droga zdiedet meta kellu problemi matrimonjali u li dak iz-zmien kien qed jbati minn depressjoni u kien qed imur ghand il-psikjatra Doctor Peter Muscat.  Qalet li binha kien jattendi ghall-kura ghand dan t-tabib anke meta kien mal-mara, pero methadone ma kienx jiehu.  Qalet li binha kien dahal jaghmel programm pero dam biss xahrejn, ghax kien telaq minnu.   Qalet li binha kien ahjar u l-attitudni tieghu nbidlet u li l-job mal-Freeport ma tilfux, kien biss sospiz sakemm jinqata l-kaz.

Illi **nhar l-erbgha ta' Frar 2004 xehdet Josette Camilleri** [fol 66] fejn qalet li l-imputat kien qed jigi segwit mill-Agenzija Sedqa li kienu qed imorru jarawh d-dar.  Qalet li l-imputat kien jikkopera maghhom hafna u li kellu social support mill-familja tieghu.  Qalet li kienu qed jaghmlu assessment tieghu sabiex jidhol programm residenzjali u li minn naha tieghu huwa lest li jidhol filwaqt li minn naha ta' Santa Marija kien baqa li jsir l-ahhar assessment.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 regghet xehdet Josette Camilleri** [fol 103] fejn qalet li hi kienet qed tixhed ghan-nom w in rappresentanza tas-Sedqa.  Qalet li l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' tehid tad-droga kif wkoll kien qed jbati minn depressjoni.  Qalet li hu kien ipprova jidhol jaghmel programm residenzjali minhabba din il-problema tad-droga pero minhabba d-depressjoni li kellu ma baqghax f'dan l-programm.  Qalet li fil-present kien taht house arrest u kien johrog biss ghal ragunijiet ta' xoghol pero s-sezzjonijiet tal-Agenzija Sedqa baqa jattendihom u l-progress tieghu huwa pjuttost tajjeb pero ghad fadallu bzonn t'ghajnuna.  Qalet li fil-fehma taghha kieku jkun hemm rizultat posittiv jekk l-imputat jkollu xoghol permanenti sabiex jkollu struttura tajba.  Qalet li fil-fehma taghha l-imputat ghandu jigu ordnat ikompli bit-trattament tal-kura tieghu u li jistruttura hajtu u dan jista biss isir jekk jibda jahdem ix-xoghol li kellu li jghinu fl-istruttura ta' hajtu.  Qalet li l-imputat ilu jattendi counselling ghal sena u nofs.

Illi **nhar t-tnax ta' Jannar 2005 regghet xehdet Josette Camilleri** [fol 119] fejn qalet li l-imputat baqa jattendi regolari counselling mas-Sedqa u ghamel progress kbir pero huma xtaqu jaraw long term structure lifetime tieghu sabiex jibda jahdem b'mod regolari. Qalet li l-imputat ghandu job jistennih l-Freeport.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 rega' xehed missier l-imputat u cioe Anglu Farrugia** [fol 105] fejn qal li ibnu l-imputat ghamel progress kbir, jghinu fix-xoghol li ghandu ta' burdnar, jahdem w imidd idjeh hafna. Qal li l-job li kellu l-Freeport ma tilfux, kien biss sospiz minnu u kien hu stess li talabhom jkun sospiz minhabba l-problema li kellu tad-droga. Qal li sussegwentement kienu tkellmu mad-dirigenti tal-Freeport li meta jrid l-imputat jista jerga jibda xoghol maghhom. Qal li ibnu ghamel progress kbir minn mindu beda jattendi l-Agenzija Sedqa u jmur ghand l-psikjatra Dottor Muscat. Qal li kellu tfajla u rega' ssettja ghal darb'ohra w apparti l-kawza odjerna l-imputat m'ghandu ebda kaz iehor pendenti.

Illi **nhar l-hdax ta' April 2005 xehed Doctor Michael Sammut** [fol 129] fejn qal li hu kien gie nominat sabiex jezamina kampjuni tal-awrina tal-imputat u ghalhekk kien f'posizzjoni li jesibixxi r-relazzjoni tieghu f'dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 131]. Qal li bhala konkluzzjoni gie misjub posittiv ghal presenza ta' opiates u cannabinoids u fosthom kien hemm morfina u kodeina. Qal li kien hemm wkoll materjal iehor li huwa metabolyte bejn l-eroina u l-morfina, li fisser li l-eroina giet uzata bejn tnax w erbgha w ghoxrin siegha qabel ma kien ittiehed dak l-istess kampjun. Mistoqsi mid-difiza jekk l-pazjent ikun qed jiehu ceri medicinali bhal DHC jekk dawk jeffettwawx r-rizultat tad-demm, ix-xhud qal li Doctor Cachia kien qallu li meta ha l-kampjun tal-pazjent dan kien fuq medicina bhal dehydrocodeine li hija wkoll opiate u halcion li huma zewg Benzomynes u li hu kien ha hsieb l-presenza ta' dawn fl-istess analizi. Qal li dehydrocodeine ma kienx posittiv fl-awrina, ma kienx gie detektjat u li hu kien ghamel ezami speciku ghalih peress li kien gie moghti dik l-informazzjoni qabel minghand Doctor Cachia.

Qal li d-dehydrocodeine jaghti positive ghal opiates u ghalhekk kellu jghaddi biex jaghmel t-tieni ezami.

Illi **nhar t-tmienja ta' Gunju 2005 xehed l-Probation Officer Trevor Calafato** [fol 134] u esibixxa l-pre sentencing report dwar l-imputat skond inkarigu moghti lilu b'digriet tal-erbgha ta' Mejju 2005, liema rapport gie mmarkat bhala dokument PSIR [fol 136]. Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat beda jabbuza mid-droga sabiex jahrab l-problemi li kellu minhabba d-dixxiplina stretta li kellu minn naha tal-genituri tieghu. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation stqarr li l-imputat qallu li sahansitra anke zzewweg biex jahrab minn taht l-kappa tal-genituri tieghu. Madankollu z-zwieg m'irnexxiex u l-imputat kompla jaghti l-htija lil genituri tieghu.

L-Ufficjal tal-Probation zied jghid li matul l-kumpilazzjoni tar-rapport, l-imputat kien ghadu taht l-kura ta' tabib u anke jiehu xi pilloli sabiex izomm 'l boghod mill-vizzju tad-droga. Filwaqt li l-akkuzat dejjem ikkorrobora mad-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u fil-fatt kien, fuq d-direttiva tieghu stess, li reggha ghamel kuntatt mal-Agenzija Sedqa. L-Ufficjal tal-Probation spjega li huwa ppropona lil imputat sabiex iwaqqaf l-pilloli kollha sabiex anke ikun jistghu jittehdulu kampjuni tal-awrina filwaqt li jsiru laqghat sabiex jitghallem jindirizza aktar l-problemi tieghu minghajhr ma jkollu bzonn jabbuza mill-vizzju tad-droga.

Fid-dawl tal-informazzjoni migbura f'dan r-rapport jidher fil-fehma tal-Ufficjal ta-Probation, piena ta' prigunerija tista tkun <u>ferm</u> ta' detriment ghal progress tal-imputat u ghalkhekk irrakkomanda li fil-parametri permessi mill-ligi, jigu esplorati s-sanzjonijiet fil-komunita anke jekk ikun il-kaz li s-sentenza sospiza li nghatat nhar t-tmienja ta' April 2003, tigi varjata u estiza ghal perjodu massimu skond l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, l-istess Ufficjal irrakkomanda li l-vittmi jigu kumpensati.

Illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, din il-Qorti kienet talbet lil Prosekuzzjoni sabiex tesibixxi fedina

penali aggornata tal-imputat kif wkoll sabiex jesibixxi kopja tal-akkuzi li l-istess imputat ghandu pendenti l-Qorti.

Illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, l-Prosekuzzjoni esibiet fedina penali aggornata tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat instab hati mill-Qorti f'erbgha okkazzjonijiet, dik ta' kontravenzjoni ghaliex kiser xi regolmaent tat-traffiku fejn gie kkundannat ghaxar liri amenda fl-ghaxra ta' Dicembru 1997, talli nstab hati ta' kontravenzjoni ohra kontra l-Ordinanza tal-Armi meta gie kkundannat jhallas amenda ta' hmistax il-lira nhar l-ewwel ta' Frar 2000, talli kkommetta serq w ikkaguna feriti ta' natura hafifa u gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tlett snin u tpogga taht s-supervizjoni t'Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' sena u dan fit-tmienja ta' April 2003 u xi kontravenzjonijiet ohra naxxenti mill-Kapitolu 9 fejn gie kkundannat multa ta' hmistax il-lira maltin nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu akkuza pendenti fil-konfront tieghu dwar pussess ta' droga Eroina u tar-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis.

Illi ghalhekk minn ezami tal-fedina penali jirrizulta li l-imputat verament kiser dufrejh mal-ligi f'aktar minn okkazzjoni wahda, ghalhekk dik l-aktar serja hija meta nstab hati t'akkuza ta' serq u talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u gie moghti sentenza ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal tlett snin, u fid-dawl tal-istess fedina penali, il-Qorti ma tistax tittratta lil imputat bhalikieku kien xi *hard core criminal*.

Pero mill-banda l'ohra ma tistax taghti l-impressjoni li l-imputat stess m'ghandux ipatti ghal ghemilu w in oltre trid taghti messagg lis-socjeta li l-Qrati qeghdin hemm saabiex jikkrejaw bilanc bejn il-protezzjoni li ghandha taghti lil vittmi u l-gustizzja li trid taghmel man-nies akkuzati.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak li rrizulta f'dan il-process, **il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi parikolarment l-artikolu 28(A)(1), 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g),**

**278, 279 u 281 tal-Kodici Kriminali u fuq ammissjoni tieghu stess tiddikjara li ssib lill-imputat SEBASTIAN FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.**

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti qieset r-rakkommandazzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-Probation u tiddecidi billi ghal kazi li sabet lil imputat hati u cioe dak ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Carmel Camilleri u ta' serq aggravat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Gerald Borg billi tpoggi lil imputat taht s-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, l-imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. li ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu jekk l-Probation Officer ikun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**3. li l-imputat probationer ghandu minnufih jinforma lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**4. li l-imputat probationer ghandu jindirizza l-problema ta' dorga li hu ghandu fl'iqsar zmien possibbli u dan skond ma jindikahlu l-istess Probation Officer u jekk hemm bzonn, izur psikjatra li jigi ndikat lilu mill-Probation Officer;**
**5. li l-imputat probationer ghandu jidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

Kif tajjeb kiteb l-awtur Ingliz **David Thomas** fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** - ***Heinemann London 1979***:

*"The probation order is clearly the most important individual measure available to a sentence; it is not limited to any one group of offenders, as the discussion in chapter one illustrates probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character." [page 236].*

In oltre ai termini tal-artikolu 24(1) tal-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lil imputat probationer ihallas is-somma ta' mitt lira maltin [LM 100] lil Carmel Camilleri w is-somma ta' hamsin lira maltin [LM 50] lil Gerald Borg, il-vittmi f'dan il-kaz u dan bhala kumpens u din l-ordni ghandha titqies bhala kundizzjoni tal-probation. **Tordna li ai termini tal-artikolu 9(1) tal-Kap 441 lid-Direttur tal-Probation Services Limited jinnomina kandidat idejali bhala Ufficjal tal-Probation sabiex tassikura l-imgieba tajba tal-hati u biex tigi prevenuta ripetizzjoni mill-hati ta' l-istess reat jew l-ghemil ta' reati ohra.**

Dwar l-akkuza li l-imputat ikkommetta, li ghaliha hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja ta' April 2003, din tirrizulta wkoll pruvata mill-ammissjoni tal-imputat stess pero minhabba dak li gie rilevat mill-Ufficjal tal-Probation fil-*pre sentencing inquiry report* tieghu, hija tal-fehma li ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-ordni originali moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn il-piena karcerarja ta' sena kienet giet sospiza ghal tlett snin, u dan billi kienet maghmula bis-sahha tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, billi minflokha il-perjodu hemm specifikat ta' tlett snin**, dan il-perjodu operattiv jigi estiz sa erbgha [4] snin mill-lum**.

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services u lil imputat probationer Sebastian Farrugia.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat probationer l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Fid-dawl ta' dak li qal l-Ufficjal tal-Probation u cioe li hemm bzonn li l-imputat probationer ghandu jkollu struttura ta' xoghol, il-Qorti qed taghmel r-rakkomandazzjoni taghha sabiex l-imputat jiehu lura l-imsemmi xoghol li kellu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------